IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 29.6.2012
COM(2012) 354 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Dwar il-funzjonament tal-proċedura ta' notifika skont il-Ftehim tad-WTO dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (il-Ftehim dwar l-OTK)

{SWD(2012) 189 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Dwar il-funzjonament tal-proċedura ta' notifika skont il-Ftehim tad-WTO dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (il-Ftehim dwar l-OTK)

1. INTRODUZZJONI

Il-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (il-Ftehim dwar l-OTK[1]) huwa wieħed mit-13-il Ftehim Multilaterali dwar il-kummerċ tal-oġġetti nnegozjat matul ir-Rawnd tal-Urugwaj. Dan daħal fis-seħħ fl-1995 bit-twaqqif tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Jobbliga l-Membri kollha tad-WTO **jinnotifikaw ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità b'rabta mal-oġġetti, fl-istadju ta' abbozzar,** lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u jagħti lill-membri l-oħra tad-WTO l-possibbiltà li jikkummentaw fuqhom.

- Il-proċedura hija mod konkret kif tingħata għajnuna lin-**negozji tal-UE, inklużi l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (l-SMEs), biex ikollhom aċċess aħjar għas-swieq ta' pajjiżi terzi** minħabba li:
- Tagħmilha possibbli biex jiġu identifikati ostakli tekniċi bla bżonn fil-kummerċ internazzjonali u biex dawn jiġu eliminati minn għeruqhom.
- Tgħin lil-leġiżlaturi tal-UE u tal-Istati Membri kif ukoll lill-operaturi ekonomiċi tal-UE jsiru aktar midħla tar-regolamenti tekniċi u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità ġodda ta' Membri oħra tad-WTO.
- Tippermetti lill-UE tippromwovi l-istrateġija regolatorja tagħha u tikkontribwixxi f'regolamenti ta' Membri oħra tad-WTO waqt id-djalogu, xi ħaġa li sseħħ qabel ma jiġu adottati regolamenti ġodda.
- Tikkontribwixxi għall-konverġenza tar-regoli u l-istandards fil-livell internazzjonali.

Il-proċedura ta' notifika dwar l-OTK hija għalhekk element importanti tal-politika industrijali u kummerċjali tal-UE[2] u tikkontribwixxi għall-objettivi li jridu jinkisbu permezz tal-istrateġija Ewropa 2020[3], **b'mod partikulari għal tkabbir intelligenti, sostenibbli u inklużiv**.

L-ewwel objettiv ta' dan ir-rapport huwa li jiġbed l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi Ewropej u tal-operaturi ekonomiċi tal-UE, inklużi l-SMEs, dwar l-opportunitajiet

---

1 http://ec.europa.eu/enterprise/tbt/index.cfm?fuseaction=library.viewLibrary&section_id=1&dspLang=en

2 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea *Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija Il-Politika tal-Kummerċ bħala element prinċipali mill-Istrateġija tal-UE 2020*— COM (2010) 612 finali; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea *Politika Industrijali Integrata għall-Era tal-Globalizzazzjoni: Il-Kompetittività u s-Sostenibilità fix-Xena Prinċipali* — COM(2010) 614 finali.

3 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea: *Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelligenti, sostenibbli u inklużiv* — COM(2010) 2020 finali.

li toffri l-proċedura ta' notifika dwar l-OTK. **It-tieni objettiv** tiegħu huwa li jippreżenta l-aħħar tendenzi ta' dan l-istrument billi jipprovdi rendikont ġenerali tal-iżvilupp tal-proċedura fis-snin riċenti. **It-tielet**, il-Kummissjoni taħtaf l-opportunità mogħtija bis-saħħa ta' dan ir-rapport biex tirrakkomanda azzjoni konkreta biex ikun hemm iktar titjib. Biex tibbenefika mill-proċedura ta' notifika għal regolamenti ta' membri oħra tad-WTO, hu kruċjali li l-UE nnifisha mhux biss tirrispetta l-obbligi stabbiliti fil-Ftehim dwar l-OTK, iżda wkoll tikkontribwixxi b'mod attiv biex tittejjeb l-effettività tal-proċedura. Huwa importanti li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Istati Membri jkunu konxji minn kif taħdem il-proċedura ta' notifika dwar l-OTK u jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jintlaħqu l-objettivi ta' konformità u ta' aktar trasparenza.

2. IL-PREŻENTAZZJONI TAL-PROĊEDURA TA' NOTIFIKA DWAR L-OTK

2.1. L-obbligi taħt il-Ftehim dwar l-OTK

Il-Ftehim dwar l-OTK huwa intiż li jagħmel il-kummerċ internazzjonali aktar faċili, filwaqt li jirrikonoxxi d-dritt tal-Membri tad-WTO li jadottaw regolamenti tekniċi nazzjonali u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jistgħu jirriżultaw f'ostakli tekniċi għall-kummerċ (minħabba l-ispejjeż ta' aġġustament bħala riżultat ta' regoli diverġenti, ta' spejjeż marbut mal-informazzjoni, eċċ.). Biex jiżgura li dawn il-miżuri ma joħolqux ostakli diskriminatorji jew bla bżonn lill-kummerċ, il-Ftehim dwar l-OTK fih numru ta' kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali li l-Membri tad-WTO iridu josservaw waqt it-tfassil ta' regolamenti tekniċi u ta' proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità.

Dawn il-kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali japplikaw għar-regolamenti tekniċi u għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità relatati mal-kummerċ tal-oġġetti, sew dawk industrijali u dawk agrikoli. Għall-kuntrarju tal-istandards, li huma volontarji, ir-regolamenti tekniċi jistabbilixxu karatteristiċi tal-prodott u proċessi u metodi ta' produzzjoni marbuta magħhom li huma lkoll mandatorji[4]. Il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità jintużaw biex jiddeterminaw jekk il-prodotti jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti mandatorji jew le.

2.1.1. Il-kundizzjonijiet sustantivi: in-nondiskriminazzjoni, l-evitar ta' ostakli bla bżonn fil-kummerċ, l-użu ta' standards internazzjonali relevanti

Miżura li taqa' fl-ambitu tal-Ftehim dwar l-OTK trid tosserva **l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni**. Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, il-pedament tal-liġi tad-WTO, huwa mnaqqax fil-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (il-GATT). Dan jipprojbixxi diskriminazzjoni bejn oġġetti importati u dawk prodotti lokalment (il-prinċipju ta' trattament nazzjonali, l-Artikolu III tal-GATT) u fost l-oġġetti importati (il-prinċipju tal-iktar nazzjon iffavorit, l-Artikolu I tal-GATT). Fl-istess vena, l-Artikolu 2.1 tal-Ftehim dwar l-OTK jitlob li l-Membri tad-WTO, lill-prodotti li joriġinaw minn kull Membru ieħor jagħtuhom trattament li mhuwiex inqas favorevoli minn dak mogħti lil prodotti simili ta' oriġini nazzjonali u lil prodotti simili ġejjin minn pajjiż ieħor.

Barra minn hekk, ir-regolamenti tekniċi huma awtorizzati biss meta jkunu **meħtieġa biex jintlaħaq objettiv leġittimu**. Bl-istess mod, il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhomx ikunu aktar stretti, jew ikunu applikati b'mod aktar strett, minn kemm hu neċessarju biex il-Membru importatur tad-WTO jkollu fiduċja biżżejjed li l-prodotti huma

[4] Ir-regoli stabbiliti fil-Ftehim dwar l-OTK għall-istandards mhumiex se jiġu diskussi f'dan ir-rapport.

konformi mar-rekwiżiti rilevanti. Lista mhux eżawrjenti tal-objettivi leġittimi tinsab fl-Artikolu 2.2 tal-Ftehim dwar l-OTK, u tinkludi l-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa, il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew is-sikurezza, u l-ambjent. Bejn l-2008 u l-2011, il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u s-sikurezza kienet indikata bħala l-objettiv leġittimu mixtieq għal madwar nofs in-notifiki dwar l-OTK[5]. Barra minn hekk, dan ir-rekwiżit ta' "neċessità" ifisser li għandu jintlaħaq bilanċ bejn l-objettiv leġittimu mixtieq u r-riskju li ma jiġix sodisfatt, hekk li tingħażel l-istrateġija li tinvolvi l-inqas restrizzjoni fuq il-kummerċ iżda li hi effettiva bl-istess mod. Għal dan il-għan, il-leġiżlatur nazzjonali jista' jieħu mill-Ftehim dwar l-OTK, li jissuġġerixxi għadd ta' strateġiji li jiffaċilitaw il-kummerċ, bħall-użu ta' regolamenti tekniċi bbażati fuq il-prestazzjoni, u r-rikonoxximent tal-ekwivalenza tar-regolamenti tekniċi ta' Membri oħra tad-WTO u r-riżultati ta' valutazzjonijiet tal-konformità barranin[6].

L-istandards internazzjonali rilevanti għandhom jintużaw ukoll meta jitfasslu regolamenti tekniċi jew proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità. Diversi dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar l-OTK jippromwovu l-użu ta' standards internazzjonali bħala mod ta' kif trawwem l-armonizzazzjoni tar-regoli tekniċi. B'mod partikulari, l-Artikolu 2.4 jiddikjara li, fejn jeżistu standards internazzjonali rilevanti, il-Membri tad-WTO "għandhom jużawhom … bħala bażi għar-regolamenti tekniċi tagħhom", ħlief meta dawn l-istandards internazzjonali ma jkunux effettivi jew xierqa għat-twettiq tal-objettivi leġittimi mixtieqa. Regolament tekniku domestiku jista', pereżempju, imur lil hinn minn dak meħtieġ skont l-istandard internazzjonali rilevanti biex jintlaħqu l-objettivi regolatorji ta' Membru tad-WTO relatati mal-bidla fil-klima jew biex jiġu indirizzati l-aspettattivi leġittimi taċ-ċittadini tiegħu f'dak li hu livell adegwat ta' protezzjoni. Prinċipji simili huma stabbiliti fl-Artikolu 5.4 għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità.

2.1.2. Il-kundizzjoni formali: notifika ta' abbozz ta' leġiżlazzjoni

Skont l-Artikoli 2.9 u 5.6 tal-Ftehim dwar l-OTK, il-Membri tad-WTO huma mitluba **jinnotifikaw ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità** meta jkunu sodisfatti ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin: l-ewwel, ma hemm l-ebda standard internazzjonali rilevanti jew l-abbozz tal-miżura mhux "konformi" mal-istandard internazzjonali rilevanti eżistenti, u t-tieni, il-miżura proposta jista' jkollha effett sinifikanti fuq il-kummerċ tal-Membri l-oħra. Il-kunċett ta' effett sinifikanti fuq il-kummerċ tal-Membri l-oħra jinkludi kemm effetti li jippromwovu l-importazzjoni u kemm li jnaqqsu l-importazzjoni fuq il-kummerċ tal-Membri l-oħra, sakemm dawn huma sinifikanti[7].

In-notifiki għandhom isiru **fi stadju bikri xieraq, meta jkunu għad jistgħu jiddaħħlu l-emendi u jitqiesu l-kummenti[8]**. Il-Membru li jkun ressaq in-notifika għandu jħalli biżżejjed żmien għal Membri oħra biex jagħmlu kummenti bil-miktub. Fil-Kumitat dwar l-OTK il-Membri tad-WTO ftiehmu li l-perjodu ta' bejn 60 u 90 jum huwa meqjus żmien raġonevoli. Il-pajjiżi żviluppati huma mħeġġa jippermettu aktar minn 60 jum għall-kummenti[9]. Meta ssir talba, il-kummenti għandhom jiġu diskussi u jitteħed kont tagħhom. Dan ifisser li Membri

---

5 L-awtoritajiet ta' notifika jridu jindikaw l-objettiv u r-raġuni wara l-miżura taħt il-punt 7 tal-formola tan-notifika li takkumpanja l-abbozz tar-regolament tekniku jew il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità.

6 Ara l-Artikoli 2.8, 2.7 u 6.3 tal-Ftehim dwar l-OTK.

7 Rakkomandazzjoni tal-Kumitat dwar l-OTK: Id-dokument tad-WTO G/TBT/1/Rev.10, pt.7.

8 L-Artikoli 2.9.2 u 5.6.2 tal-Ftehim dwar l-OTK.

9 Rakkomandazzjoni tal-Kumitat dwar l-OTK: Id-dokument tad-WTO G/TBT/1/Rev.10, pt.7.

oħra tad-WTO jistgħu jinżammu infurmati dwar l-iżvilupp ta' rekwiżiti tal-prodott ġodda jew modifikati. In-notifiki li jaslu lis-Segretarjat tad-WTO huma disponibbli pubblikament[10], sabiex l-operaturi ekonomiċi jkollhom ukoll il-possibbiltà li jiġu avżati u li jiffamiljarizzaw irwieħhom mar-rekwiżiti l-ġodda.

Il-membri tad-WTO għandhom **id-dritt li jikkummentaw** bil-kitba fuq ir-regolamenti tekniċi jew il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jkunu ġew proposti . Fil-prinċipju, il-kummenti għandhom jirreferu għall-fatt li r-regolamenti proposti ma jħarsux il-Ftehim dwar l-OTK. Il-kummenti għandhom iwasslu għal djalogu mal-Membru tad-WTO li jkun innotifika. Id-dritt li jikkummentaw formalment skont din il-proċedura huwa limitat għall-Membri tad-WTO u ma jingħatax lill-partijiet interessati, bħalma huma l-operaturi ekonomiċi. Il-kwistjonijiet imqajma mill-operaturi ekonomiċi għalhekk jeħtieġ ikunu trażmessi minn Membru tad-WTO. Sta għal kull Membru tad-WTO li jorganizza mod kif jinstemgħu u jitqiesu l-kwistjonijiet imqajma mill-operaturi ekonomiċi tiegħu.

2.2. L-organizzazzjoni interna tal-UE fir-rigward tal-proċedura ta' notifika

Iridu jkunu bosta l-partijiet li jipparteċipaw u jikkooperaw ma' xulxin biex il-proċedura ta' notifika tiffunzjona korrettement u tkun utli u effiċjenti. Fl-UE, il-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet Ewropej, l-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi hija importanti ferm. Is-sit elettroniku dwar l-OTK, stabbilit mill-UE, jgħin biex jikkoordina l-parteċipazzjoni ta' dawk kollha involuti.

2.2.1. Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Ftehim dwar l-OTK jitlob li kull Membru tad-WTO jwaqqaf awtorità ta' notifika biex jiżgura l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-proċeduri ta' notifika, u biex jiżgura li jeżisti punt fejn jidħlu l-mistoqsijiet[11]. Dan il-punt irid iwieġeb il-mistoqsijiet ġustifikati kollha minn Membri oħra u minn partijiet interessati dwar ir-regolamenti tekniċi adottati jew proposti jew dwar il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u jkun ukoll responsabbli mill-immaniġġar ta' kummenti li jidħlu minn Membri oħra tal-WTO dwar in-notifiki[12]. Fl-UE, dawn l-obbligi jiġu sodisfatti minn unità waħda tal-Kummissjoni Ewropea fid-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija,[13] li nħatret bħala l-**Punt tal-UE għan-Notifiki u l-Informazzjoni dwar l-OTK**.

Ir-rwol tal-Punt tal-UE għan-Notifiki u l-Informazzjoni dwar l-OTK huwa doppju. Jiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-UE, li tkun se tiġi adottata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jew mill-Kummissjoni Ewropea bħala miżura ta' implimentazzjoni, tkun notifikata lid-WTO fi stadju ta' abbozzar. Huwa wkoll responsabbli għat-tqassim ta' notifiki ta' Membri oħra tad-WTO lill-partijiet interessati kollha u jiżgura li l-kummenti jintbagħtu lill-Membru tad-WTO li jkun ressaq in-notifika f'isem l-UE meta jidher li l-miżura inkwistjoni tista' toħloq problemi għall-aċċess għas-suq għall-esportaturi tal-UE. Biex ikunu jistgħu joħorġu l-kummenti dwar notifika ta' membru ieħor tad-WTO, il-Punt tal-UE għan-Notifiki u l-Informazzjoni dwar l-OTK jara li jkollu kontribuzzjonijiet mill-partijiet interessati kollha, i.e. l-unitajiet settorjali tal-Kummissjoni Ewropea, l-unitajiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-

---

10 Ara d-database tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-OTK: http://ec.europa.eu/enterprise/tbt/ jew it-TBT Information Management System tad-WTO: http://tbtims.wto.org.

11 L-Artikolu 10 tal-Ftehim dwar l-OTK.

12 Rakkomandazzjoni tal-Kumitat dwar l-OTK: Id-dokument tad-WTO G/TBT/1/Rev.10, pt.7.

13 Unità ENTR/C/3 "Notifika ta' regolamenti tekniċi".

delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi, l-Istati Membri, u n-negozji fl-UE. Waqt l-editjar tal-kummenti mill-UE dwar in-notifiki ta' Membri oħra tad-WTO, il-Punt tal-UE għan-Notifiki u l-Informazzjoni dwar l-OTK jiżgura li dawn ikunu konsistenti mal-politiki kollha tal-UE.

2.2.2. Il-koleġiżlaturi tal-UE: Il-Parlament u l-Kunsill

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom rwol importanti wkoll minħabba li dawn jadottaw il-leġiżlazzjoni li fiha regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u li trid tkun tikkonforma mal-Ftehim dwar l-OTK. Minħabba li l-Ftehim jitlob notifika fi stadju ta' abbozzar, il-Punt tal-UE għan-Notifiki u l-Informazzjoni dwar l-OTK jinnotifika l-Membri l-oħra tad-WTO bil-leġiżlazzjoni tal-UE li tistipula rekwiżiti tal-prodotti li jaqgħu fl-ambitu tal-Ftehim dwar l-OTK, ladarba l-Kummissjoni tkun adottat il-proposta tagħha għal Regolament, Direttiva jew Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-Kummissjoni tanalizza kummenti minn Membri oħra tad-WTO u tikkunsidrahom fil-proċedura leġiżlattiva.

Kemm il-Kunsill u l-Parlament, meta jkunu qed jabbozzaw u jadottaw emendi għal proposta tal-Kummissjoni, għandhom iqisu l-impatt tal-proposta fuq il-kummerċ internazzjonali. Membri oħra tad-WTO jsegwu bir-reqqa d-diskussjonijiet leġiżlattivi u spiss jikkummentaw bil-miktub jew f'laqgħat tal-Kumitat dwar l-OTK (li jsiru tliet darbiet fis-sena fid-WTO f'Ġinevra) dwar il-kompatibbiltà tal-emendi proposti mal-Ftehim dwar l-OTK.

2.2.3. L-Istati Membri

Minbarra l-Punt tal-UE għan-Notifiki u l-Informazzjoni dwar l-OTK, is-27 Stat Membru, kollha kemm huma, għandhom l-awtoritajiet ta' notifika u l-punt għall-mistoqsijiet dwar l-OTK tagħhom. L-Istati Membri huma responsabbli biex jevalwaw jekk ir-regolamenti tekniċi nazzjonali u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità proposti tagħhom ikollhomx impatt sinifikanti fuq il-kummerċ u, jekk inhu hekk, biex jinnotifikawhom direttament lid-WTO. It-tweġibiet għall-kummenti minn Membri oħra tad-WTO huma, madankollu, mogħtija mill-Punt tal-UE għan-Notifiki u l-Informazzjoni dwar l-OTK (wara koordinazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat) f'isem l-UE, minħabba li dawn ir-risposti huma kkunsidrati bħala parti mill-politika kummerċjali komuni, li hija kompetenza esklużiva tal-UE[14]. Il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea hija aċċertata permezz tal-proċedura ta' notifika interna tal-UE stabbilita fid-Direttiva 98/34/KE[15], u s-servizzi tal-Kummissjoni jiltaqgħu kull sena mar-rappreżentanti kkonċernati mill-Istati Membri biex tissaħħaħ din il-koordinazzjoni.

L-Istati Membri jridu wkoll jinfurmaw lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-operaturi ekonomiċi nazzjonali bl-obbligi u l-opportunitajiet relatati mal-proċedura ta' notifika dwar l-OTK. Il-Kummissjoni regolarment tirċievi kummenti mill-Istati Membri dwar notifiki minn Membri oħra tad-WTO. Xi Stati Membri stabbilew mekkaniżmi nazzjonali effiċjenti biex jirċievu reazzjonijiet direttament mill-industrija nazzjonali, inkluż minn federazzjonijiet tan-negozji iżgħar jew minn kumpaniji individwali. Il-Kummissjoni tuża din ir-reazzjoni biex tiġġieled kontra l-ostakli tekniċi potenzjali għall-kummerċ.

---

14 L-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

15 Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi, ĠU L 204, tal-21.7.1998, p. 37.

2.2.4. L-operaturi ekonomiċi

Il-kummenti mill-industrija tal-UE dwar in-notifiki minn Membri oħra tad-WTO huma **ta' importanza kbira biex jiġi evitat il-ħolqien ta' ostakli bla bżonn għall-kummerċ internazzjonali**. Diversi federazzjonijiet Ewropej tal-industrija fi Brussell huma konxji sewwa minn x'joffri l-Ftehim dwar l-OTK u jibagħtu l-kummenti lid-dipartimenti tal-Kummissjoni regolarment[16]. Xi wħud jikkontribwixxu wkoll permezz tal-Kumitat Konsultattiv għall-Aċċess għas-Swieq li ġie stabbilit fil-kuntest tal-Istrateġija għall-Aċċess għas-Suq[17] tal-Kummissjoni Ewropea. Operaturi ekonomiċi Ewropej oħra tal-UE jibagħtu l-kummenti tagħhom lid-delegazzjoni tal-UE tal-Membru tad-WTO li jkun ressaq in-notifika.

Il-Kummissjoni tikkoordina l-kwistjonijiet internament biex tiżgura li l-kummenti kollha jaslu fil-Punt għan-Notifiki u l-Informazzjoni dwar l-OTK, li jabbozza l-kummenti uffiċjali tal-UE. Minħabba li l-perjodu għall-kummenti spiss ikun relattivament qasir, bejn 60 u 90 jum, huwa importanti li l-operaturi ekonomiċi tal-UE jikkomunikaw il-ħsibijiet tagħhom mill-aktar fis possibbli u qabel l-iskadenza finali taż-żmien stabbilit mill-Membru tad-WTO li jkun ressaq in-notifika[18].

2.2.5. Il-websajt tal-UE ddedikata lill-OTK

Sabiex jipprovdi aċċess dirett għan-notifiki u jiffaċilita l-koordinazzjoni fost dawk kollha involuti, fl-2004 l-Punt tal-UE għan-Notifiki u l-Informazzjoni dwar l-OTK ħoloq **websajt pubblika ddedikata lill-OTK**[19]. Din il-websajt tagħti aċċess pubbliku għad-**database dwar l-OTK**, li fiha l-formoli kollha ta' notifika, l-abbozzi tat-testi u l-kummenti li tkun bagħtet u rċeviet il-Kummissjoni Ewropea.

Il-websajt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn kull notifika dwar l-OTK: id-dokumenti notifikati, xi traduzzjonijiet li jistgħu jkunu disponibbli, u l-kummenti li l-Kummissjoni Ewropea tkun bagħtet u rċeviet jintwerew f'paġna tal-websajt għal kull notifika. Il-wiri tad-dokumenti kollha jiggarantixxi t-trasparenza sħiħa tal-azzjoni tal-UE skont il-Ftehim dwar l-OTK. Barra minn hekk, l-operaturi ekonomiċi u l-partijiet interessati l-oħra jistgħu jabbonaw għal **sistema ta' twissija ta' notifiki ġodda** u jikkonsultaw **reviżjoni kull xahar** tal-attivitajiet tal-Punt tal-UE għan-Notifiki u l-Informazzjoni dwar l-OTK.

L-għadd ta' abbonati fis-sistema ta' twissija jixhed li mill-2004 l-użu tal-websajt tal-UE ddedikata lill-OTK ilu jiżdied. Fl-2011, fis-sistema ta' twissija kienu reġistrati 529 entità privata jew pubblika (meta mqabbel ma' 182 fl-2005), u fid-database saret 15 000 tiftixa. Terz tal-abbonati huma minn pajjiżi terzi. Il-Punt tal-UE għall-Informazzjoni dwar l-OTK ressaq id-database tiegħu f'bosta okkażjonijiet lill-Kumitat dwar l-OTK u ġie avviċinat minn Membri oħra tad-WTO li jixtiequ jiżviluppaw il-websajts tagħhom.

---

16 Biex tqajjem kuxjenza fost l-operaturi ekonomiċi, il-Kummissjoni organizzat konferenza fuq skala kbira fid-29 ta' Marzu 2007 fi Brussell. Il-konferenza attendewha 150 ruħ. Għal aktar informazzjoni ara: http://ec.europa.eu/enterprise/tbt/index.cfm?fuseaction=library.viewLibrary&section_id=175&dspLang=en.

17 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea: *Ewropa Globali: Partenarjat aktar b'saħħtu biex itejjeb l-aċċess għas-swieq għall-esportaturi Ewropej* (COM(2007) 183 finali.

18 Idealment, il-Kummissjoni tirċievi l-kummenti tliet ġimgħat qabel l-iskadenza finali stabbilita fil-formola tan-notifika mill-Membru tad-WTO li jkun ressaq in-notifika. .

19 http://ec.europa.eu/enterprise/tbt/.

3. IR-REAZZJONI TAL-UE GĦALL-AĦĦAR ŻVILUPPI

3.1. L-adattament għal numru dejjem jikber ta' notifiki dwar l-OTK

L-UE dejjem kienet proattiva fil-monitoraġġ tal-miżuri meħuda fil-pajjiżi terzi u qed tlaħħaq tajjeb mal-għadd dejjem jiżdied ta' notifiki dwar l-OTK. In-numru ta' notifiki dwar l-OTK qed jikber bil-kbir. Filwaqt li kien hemm inqas minn 400 test abbozzat li ġie nnotifikat fl-1995, is-sena li fiha daħal fis-seħħ il-Ftehim dwar l-OTK, dan in-numru kiber aktar minn bit-tripplu minn dak iż-żmien, hekk li fl-2011 laħaq l-1216[20]. B'kollox, matul l-aħħar 16-il sena, il-Membri tad-WTO nnotifikaw kważi 15 000 test. Kien hemm żieda kbira fl-għadd ta' notifiki bejn l-2004 u l-2009: żdied biss bi ftit matul l-ewwel għaxar snin tal-proċedura ta' notifika dwar l-OTK (minn inqas minn 400 fl-1995 għal 638 fl-2004) qabel ma mexa, fi żmien sitt snin, minn 638 għal kważi 1500 (ara l-grafika taħt il-punt 1 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SWD(2012) 189).

L-ewwel raġuni għal din iż-żieda hija l-bidla fin-numru tal-Membri tad-WTO, minn 128 fil-bidu sa 153 fl-2011. Hemm xi atturi ewlenin fost il-ġodda, bħaċ-Ċina, li ngħaqdet fl-2001, l-Arabja Sawdija (2005), il-Vjetnam (2007) u l-Ukraina (2008). Kellhom impatt ukoll il-kampanji ta' kuxjenza organizzati mis-Segretarjat tad-WTO u mill-Punti nazzjonali għall-Informazzjoni dwar l-OTK. Barra minn hekk, kemm is-Segretarjat tal-WTO u kemm il-Membri tad-WTO iffinanzjaw u ppartečipaw fi proġetti ta' assistenza teknika fil-qasam dwar l-OTK, fil-livell reġjonali u dak nazzjonali. L-attività regolatorja intensifikata tal-Membri tad-WTO matul l-aħħar ħames snin fis-setturi emerġenti, bħal dak tal-effiċjenza fl-enerġija jew tat-tagħrif għall-konsumatur, hija raġuni importanti oħra. Fl-aħħar nett, il-kriżi finanzjarja, li heddet l-ekonomiji nazzjonali, setgħet wasslet għal attività regolatorja akbar.

L-UE ilha tosserva u tissorvelja mill-qrib dan il-qafas regolatorju li kulma jmur qiegħed jikber. Dan huwa rifless fl-għadd ta' kummenti mill-UE dwar notifiki mill-pajjiżi terzi, li huwa proporzjonali maż-żieda fin-notifiki dwar l-OTK. Għalhekk, bejn l-2004 u l-2009, l-għadd ta' kummenti mill-UE kważi rduppjaw, minn 47 sa 91 fis-sena. Fl-2011, l-UE bagħtet 102 kummenti, l-ogħla numru li qatt intbagħat (ara l-grafika taħt il-punt 1 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SWD(2012) 189). Qiegħda wkoll tuża attivament il-laqgħat tal-Kumitat dwar l-OTK biex tissupplimenta l-kummenti tagħha bil-miktub b'dikjarazzjonijiet orali u titlob segwitu għall-kummenti tagħha. L-UE hija waħda mill-membri l-aktar attivi fil-Kumitat dwar l-OTK, tikkummenta dwar notifiki tal-Membri l-oħra tad-WTO li jidhrilha li aktarx ikunu se joħolqu ostakli għall-kummerċ. Skont l-abbozz notifikat, l-UE tista' titlob l-irtirar, il-modifika, il-posponiment, jew inkella titlob kjarifika. Hemm għadd ta' eżempji ta' kooperazzjoni b'suċċess ma' pajjiżi terzi li wasslet għal riżultat favorevoli għall-UE u għall-kummerċ internazzjonali.

Eżempji ta' x'inkiseb mill-proċedura dwar l-OTK:

Irtirar: L-abbozz tar-Regolament Kolombjan dwar ix-xorb alkoħoliku[21] impona rekwiżiti għall-ittikkettjar li kienu stretti żżejjed u setgħu jinvolvu spejjeż sinifikanti għall-operaturi ekonomiċi. Wara l-interventi tal-UE fil-laqgħat tal-Kumitat dwar l-OTK u l-kummenti bil-miktub tagħha, l-awtoritajiet

[20] In-numri ppreżentati f'dan ir-rapport ma jinkludux l-addenda/il-corrigenda.

[21] G/TBT/N/COL/120.

Kolombjani rtiraw ir-Regolament.

Modifika: In-notifika Brażiljana dwar il-valutazzjoni tal-konformità tas-sikurezza tal-ġugarelli[22] pproponiet proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità ta' piż kif ukoll diskriminatorja. B'talba tal-UE u ta' diversi sieħba kummerċjali oħra, il-Brażil immodifika r-Regolament fl-2010 billi beda jġib fix-xejn il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità tiegħu fil-każ tal-ġugarelli impurtati.

Il-posponiment: In-notifika Indjana dwar it-tajers għall-vetturi awtomotivi kienet innotifikata l-ewwel darba fl-2006[23]. B'konsegwenza tal-kummenti bil-miktub mill-UE u l-bosta interventi tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat dwar l-OTK, l-adozzjoni tal-abbozz kienet posposta. Verżjoni emendata ġiet notifikata fl-2010[24].

Kjarifika: Fir-rigward tan-notifika Ċiniża dwar is-superviżjoni u l-amministrazzjoni tal-ispezzjoni u l-kwarantina tal-importazzjonijient ta' skart solidu, iċ-Ċina ċċarat li l-importaturi li kienu akkreditati skont ċerti standards Ewropej ukoll jikkwalifikaw għar-reġistrazzjoni meħtieġa[25].

3.2. Ir-rispons għall-parteċipazzjoni attiva ta' aktar Membri tad-WTO

L-UE kienet qed tadatta wkoll għall-preżenza ġdida ta' atturi ġodda fil-proċedura dwar l-OTK u l-fehmiet kritiċi tagħhom fuq l-għażliet regolatorji tagħha. Iż-żieda sinifikanti fl-għadd ta' notifiki matul l-aħħar snin mhix attribwita biss lil pajjiżi kbar iżda wkoll lil atturi iżgħar globali bħall-Arabja Sawdija. il-Qatar u l-Baħrejn. Il-parteċipazzjoni attiva tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, bħall-Uganda, li nnotifikat l-ogħla numru ta' testi fl-2010, ikkonfermat din it-tendenza.

Kien hemm aktar Membri tad-WTO li pparteċipaw b'mod attiv fil-proċedura, jinnotifikaw dejjem iżjed u jikkummentaw dwar in-notifiki. Membri oħra tad-WTO spiss jikkummentaw dwar testi notifikati mill-UE. Fl-2011, il-Punt tal-UE għall-Informazzjoni dwar l-OTK daħlulu 25 kumment minn pajjiżi terzi, partikolarment miċ-Ċina, New Zealand, il-Ġappun u l-Istati Uniti. (ara l-grafika taħt il-punt 2 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SWD(2012) 189). Fil-Kumitat tat-OTK, fost il-Membri tad-WTO, l-UE rċeviet l-akbar għadd ta' kummenti fis-snin riċenti. Tabilħaqq, l-UE, minħabba li hi suq enormi tal-esportazzjoni, b'500 miljun konsumatur potenzjali, u bosta drabi fuq quddiem fl-iżviluppi regolatorji, hekk li trawwem livell għoli ta' ħarsien lill-konsumatur u ssegwi politika ambjentali ambizzjuża, hija sorveljata mill-qrib minn bosta msieħba kummerċjali.

L-UE twieġeb għall-kummenti kollha li jaslu billi tispjega l-leġiżlazzjoni tagħha, tiddefendiha jew temendaha meta meħtieġ. It-tweġibiet jingħataw bil-miktub għall-kummenti bil-miktub li jaslu fil-Punt tal-UE għan-Notifiki u l-Informazzjoni dwar l-OTK skont il-proċedura ta' notifika, inkella oralment waqt il-laqgħat tal-Kumitat dwar l-OTK bi tweġiba għal dikjarazzjonijiet magħmula minn Membri oħra tad-WTO. Il-Kummissjoni Ewropea twieġeb il-kummenti bil-miktub ta' kull Membru tad-WTO individwalment u f'isem l-UE. Ħafna mill-kwistjonijiet imqajma fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-UE mill-1995 'l hawn kienu relatati mas-settur agrikolu, ir-reġistrazzjoni tal-kimiki, it-trattament xieraq tal-annimali u l-ekodisinn/it-tikkettar.

Eżempji ta'rispons mill-UE:

---

22 G/TBT/N/BRA/259, 313 and 339.
23 G/TBT/N/IND/20.
24 G/TBT/N/IND/40.
25 G/TBT/N/CHN/649.

Modifika: Regolament tal-Kummissjoni tal-2002 fuq prodotti fis-settur tal-inbid[26] ġie modifikat bosta drabi wara n-notifika tiegħu u l-kummenti minn pajjiżi terzi. Meta Regolament ġdid tal-Kummissjoni dwar prodotti tal-inbid kien ġie nnotifikat fl-2008[27], kienu ġew emendati 11-il dispożizzjoni tal-abbozz sabiex jittieħed kont tal-kummenti bil-miktub minn erba' Membri differenti tad-WTO.

Biex jittieħed kont tal-kwistjonijiet imqajma mill-partijiet l-oħra: Barra l-kummenti bil-miktub, l-UE wieġbet għall-kwistjonijiet ta' tħassib imwassla bil-fomm fil-laqgħat tal-Kumitat dwar l-OTK. It-tħassib tal-pajjiżi terzi dwar ir-REACH[28] għalhekk ittieħed kont tiegħu fid-dokumenti ta' gwida li jimmiraw li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Kjarifika: Fl-2010, diversi membri tad-WTO esprimew it-tħassib tagħhom fil-Kumitat dwar l-OTK li l-qafas Ewropew ta' akkreditament stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 765/2008[29] seta' jikkompromettti l-kapaċità tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità minn barra l-UE fil-ħidma tagħhom fil-qasam regolat. L-UE ċċarat li r-regoli l-ġodda kienu żviluppati għall-finijiet tas-suq intern biss u li l-possibbiltajiet li r-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità esterni jiġu aċċettati jew rikonoxxuti ma ġewx affettwati mir-Regolament il-ġdid.

3.3. L-isfida tat-trasparenza

Skont ix-xejra globali, l-UE wkoll żiedet b'mod sinifikanti l-għadd ta' notifiki tagħha fis-sena. Matul l-aħħar għaxar snin, in-numru żdied b'aktar mit-tripplu u minn 17 tela' għal 63. Fl-2008, l-għadd ta' notifiki tal-UE rdoppja meta mqabbel mas-sena preċedenti (ara l-grafika taħt il-punt 2 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SWD(2012) 189). L-għadd ta' notifiki tal-Istati Membri varja mill-1995, iżda stabbilizza ruħu matul l-aħħar tliet snin b'54 notifika fis-sena (ara l-grafika taħt il-punt 3 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SWD(2012) 189). Madankollu, meta mqabbel man-numru ta' notifiki tal-Istati Membri skont il-proċedura ta' notifika interna[30], in-numru għadu wieħed baxx.

Fir-rigward tal-perjodu ta' bejn 60 u 90 jum mogħti lill-Membri l-oħra tad-WTO biex jikkummentaw qabel tiġi adottata l-leġiżlazzjoni notifikata, l-istatistiċi juru li, fil-prattika, iż-żmien allokat varja bejn 58 u 61 jum matul l-aħħar ħames snin, meta mqabbel ma' 46jum fl-1997[31]. Rigward in-notifiki tal-UE, l-għadd medju ta' ġranet mogħti għall-kummenti fl-2011 kien 65 (ara l-grafika taħt il-punt 4 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SWD(2012) 189). Dan il-progress ta lill-Membri tad-WTO aktar opportunitajiet biex janalizzaw ir-regolamenti tekniċi ta' pajjiżi terzi u għen biex titjieb il-proċedura dwar l-OTK. Madankollu, kif enfasizzat fl-aħħar Reviżjoni mid-WTO tal-Politika Kummerċjali tal-UE, it-tul tal-perjodu għall-kummenti relatat man-notifiki tal-Istati Membri tal-UE jista' jkompli jiżdied[32].

---

26 G/TBT/N/EEC/15.

27 G/TBT/N/EEC/264.

28 G/TBT/N/EEC/52.

29 G/TBT/N/EEC/152.

30 Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi, ĠU L 24, tal-21.7.1998, p. 37.

31 Sixteenth annual review of the implementation and operation of the TBT Agreement: Id-dokument tad-WTO G/TBT/29, p. 6.

32 'Trade Policy Review: European Union', Rapport mis-Segretarjat tad-WTO, 2011, p. 46: "Għal madwar 17 % tan-notifiki tal-Istati Membri individwali, il-perjodu għall-kummenti, jew il-perjodu bejn id-data meta tkun ġiet ippubblikata n-notifika u d-data meta tiġi adottata, kien inqas minn 60 jum" (il-perjodu kopert: Ott. 2008–Jan. 2011).

Il-progress magħmul fuq it-trasparenza huwa proporzjonat għall-passi meħuda mill-Membri tad-WTO biex iqajmu kuxjenza dwar il-proċedura dwar l-OTK. Il-koordinazzjoni interna, li tiżgura li l-leġiżlazzjoni kollha li taqa' fl-ambitu tal-Ftehim dwra l-OTK tkun notifikata fi stadju adattat, trid tiġi mmonitorjata bir-reqqa minn jum għal jum u l-korpi amministrattivi nazzjonali għandhom jiġu mgħarrfa b'din il-leġiżlazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea kienet partikolarment attiva f'dan il-qasam, u kienet torganizza seminars b'mod regolari għad-dipartimenti tagħha u għall-Istati Membri tal-UE. Il-Punt tal-UE għan-Notifiki u l-Informazzjoni dwar l-OTK organizza tliet seminars għad-dipartimenti tal-Kummissjoni bejn l-2008 u l-2011.

4. DISKUSSJONIJET MULTILATERALI DWAR IT-TRASPARENZA FIL-PROĊEDURA TA' NOTIFIKA DWAR L-OTK

4.1. Id-diffikultajiet li għad hemm

Il-Kumitat dwar l-OTK ħareġ u raqam rakkomandazzjonijiet dettaljati dwar it-trasparenza[33] li tejbu l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' notifika meta l-Membri tad-WTO jkunu mxew magħha[34]. Madankollu, **xi Membri tad-WTO għadhom ma jirrispettawx l-obbligi bażiċi tal-proċedura ta' notifika dwar l-OTK**, bħal dik ta' sempliċi notifika jew notifika fl-istadju tal-abbozzar. Dan spiss jiġri minħabba n-nuqqas ta' koordinament fi ħdan il-korpi amministrattivi nazzjonali biex jiżguraw li l-awtorità tan-notifika hija konxja mill-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni li trid tiġi notifikata, jew minħabba l-inkapaċità tal-awtorità tan-notifika li timponi l-obbligu tan-notifika fuq il-korp amministrattiv inkarigat mill-leġiżlazzjoni proposta. Xi membri tad-WTO ma jinnotifikawx leġiżlazzjoni adottata mis-setgħat leġiżlattivi (bħalma hu l-parlament), minħabba li l-koordinazzjoni bejn l-awtorità tan-notifika u s-setgħa leġiżlattiva huwa aktar diffiċli tinnegozjaha.

Barra minn hekk, mhux il-membri kollha tad-WTO jieħdu l-opportunità li jikkummentaw fuq ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità proposti. Bosta Membri jkollhom diffikultà jsegwu n-notifiki jew iġibu flimkien l-għarfien tekniku meħtieġ sabiex ikunu analizzati ċerti notifiki. Bl-istess mod, mhux il-punti kollha għall-mistoqsijiet dwar l-OTK tal-Membri tad-WTO joperaw b'mod sħiħ. Uħud rari jwieġbu, oħrajn sempliċiment jirrapportaw li jkunu infurmaw l-awtoritajiet kompetenti bil-mistoqsija, u bosta drabi ma tasal ebda tweġiba minkejja tfakkira wara l-oħra. Dan ifixkel b'mod sinifikanti r-riżultat tal-proċedura u jagħmilha inqas effiċjenti.

Għad hemm xi ħwejjeġ mhux tant ċari dwar l-ambitu tal-Ftehim dwar l-OTK u l-obbligu tan-notifika. Filwaqt li żewġ deċiżjonijiet riċenti tal-bord tad-WTO[35] għandhom jgħinu biex jiġi definit iktar l-ambitu tal-Ftehim, għad hemm l-inċertezzi, speċjalment fir-rigward tar-rekwiżiti għall-metodi ta' produzzjoni mhux b'rabta mal-prodott (li ma jkollhom ebda influwenza fuq il-karatteristiċi tekniċi tal-prodott finali) u fir-rigward tat-tikkettar volontarju marbut ma' ċerti rekwiżiti mingħajr ma jkun impost it-tikkettar esklużiv.

---

33 Id-dokument tad-WTO G/TBT/1/Rev.10.

34 Eż. perjodu għall-kummenti bejn 60 u 90 jum; it-tweġibiet jingħataw f'waħda mit-tliet lingwi uffiċjali tad-WTO; aċċess dirett għat-test notifikat permezz tal-format ta' notifika; l-iskambju ta' traduzzjonijiet mhux uffiċjali; il-komunikazzjoni ta' testi adottati u ppubblikati, eċċ.

35 L-Istati Uniti – Miżuri dwar l-Importazzjoni, il-Kummerċjalizzazzjoni u l-Bejgħ ta' Tonn u Prodotti tat-Tonn (DS381) u l-Istati Uniti — Ċerti Rekwiżiti tat-Tikkettar tal-Pajjiż tal-Oriġini (DS 384, DS 386).

L-analiżi tat-testi notifikati fil-perjodu għall-**kummenti relattivament qasir ta' 60 jum**, speċjalment meta l-abbozz tat-test irid jiġi tradott, għadha sfida maġġuri għall-membri tad-WTO u għall-operaturi ekonomiċi. **Il-baġit għat-traduzzjoni** għadu limitat wisq. Huwa estremament importanti li titqajjem **kuxjenza fost l-operaturi ekonomiċi** dwar il-proċedura u l-possibbiltà li jintbagħtu kummenti lill-awtoritajiet tal-Membri tal-WTO. Dan huwa partikolarment minnu għal federazzjonijiet jew kumpaniji nazzjonali, speċjalment l-SMEs, li r-riżorsi interni tagħhom ikunu limitati meta jiġu biex janalizzaw ir-regolamenti proposti u jirreaġixxu saż-żmien stipulat.

Fl-aħħar nett, il-Kumitat dwar l-OTK **ma għandux isir forum li sempliċiment jirrapporta t-tħassib tal-industrija**. Għandu jipprovdi opportunità lill-awtoritajiet pubbliċi biex jiskambjaw opinjonijiet dwar ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jkunu ġew proposti abbażi tal-aspetti politiċi kollha relatati.

4.2. Diskussjonijiet regolari fil-laqgħat tal-Kumitat dwar l-OTK u fir-Reviżjonijiet ta' Kull Tliet Snin

Il-laqgħat **regolari tal-Kumitat tat-OTK** u, b 'mod partikolari, ir-**reviżjoni dwar it-tħaddim u l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar l-OTK**, li jsiru skont l-Artikolu 15.4 tal-Ftehim dwar l-OTK kull tliet snin, huma okkażjonijiet biex jiġu diskussi u ċċarati xi diffikultajiet u sfidi relatati mal-proċedura ta' notifika. Il-Kummissjoni regolarment tuża dawn ir-Reviżjonijiet ta' Kull Tliet Snin biex ittejjeb it-trasparenza fil-proċedura ta' notifika. L-UE tipparteċipa b'mod attiv fid-diskussjonijiet kollha dwar ir-Reviżjoni ta' Kull Tliet Snin u kkontribwiet kitba dwar it-trasparenza[36] għall-ħames Reviżjoni ta' Kull Tliet Snin[37] li ġiet fi tmiemha f'Novembru 2009.

Ir-Reviżjonijiet ta' Kull Tliet Snin mhumiex biss importanti fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-proċedura ta' notifika, imma wkoll rigward kwistjonijiet sistemiċi oħra relatati mal-Ftehim dwar l-OTK: **prassi regolatorja tajba, proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, standards, assistenza teknika u l-ħidma tal-Kumitat dwar l-OTK**. Il-Kumitat dwar l-OTK għalhekk sar forum importanti li fih il-Membri tad-WTO jistgħu jiddiskutu kwistjonijiet relatati mal-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija u mal-istrateġiji f'dak li hu tfassil ta' politiki. Il-Kummissjoni regolarment tirrikorri għal dan il-Kumitat biex tippreżenta strateġiji politiċi tal-UE lil Membri oħra tad-WTO u biex tippromwovi l-konverġenza regolatorja permezz tat-tħaddim ta' prassi regolatorja tajba fl-iżvilupp ta' regolamenti tekniċi u ta' proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità.

Il-Kummissjoni tipprovdi wkoll dehra ġenerali tal-programmi ta' assistenza teknikata tal-Istati Membri u tal-UE għal pajjiżi li qed jiżviluppaw u li jkunu jinkludu għajnuna dwar kwistjonijiet marbuta mal-OTK[38]. Fil-laqgħa tal-Kumitat dwar l-OTK ta' Ġunju 2011, l-Isvezja ppreżentat il-programm ta' mentoring tagħha, implimentat mill-2008 sal-2011, sabiex tappoġġja t-twaqqif u t-tħaddim ta' Punti għan-Notifiki u l-Informazzjoni dwar l-OTK ta' seba' pajjiżi tal-Afrika tas-Subsaħara[39]. Minbarra tal-programmi ta' assistenza teknika tagħha, il-Punt tal-UE għan-Notifiki u l-Informazzjoni dwar l-OTK, b'talba ta' ċerti Membri tad-WTO, laqa' żjarat minn Membri oħra tad-WTO li xtaqu jkunu jafu aktar dwar kif inhu

---

36 Id-dokument tad-WTO G/TBT/W/309.
37 Id-dokument tad-WTO G/TBT/26.
38 Id-dokument tad-WTO G/TBT/W/303.
39 Il-Burundi, l-Etjopja, il-Kenja, ir-Rwanda, it-Tanzanija, l-Uganda u ż-Żambja.

organizzat u kif jaħdem[40]. L-esperti dwar l-OTK mill-Kummissjoni Ewropea ipparteċipaw ukoll f'seminars dwar l-assistenza teknika organizzati mid-WTO f'reġjuni differenti tad-dinja.

5. KONKLUŻJONIJIET U L-PASS LI JMISS

Il-proċedura ta' notifika dwar l-OTK hija **mezz b'saħħtu biex inkunu konxji mill-iżviluppi regolatorji relatati mal-merkanzija fil-pajjiżi terzi**. Meta l-Membri tad-WTO jikkonformaw mal-obbligu tan-notifika, dan jippermetti lil Membri oħra tad-WTO jiffamiljarizzaw ruħhom mar-regolamenti tekniċi u mal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità ġodda u jipprovdi mod konkret ta' kif wieħed għandu jirreaġixxi għall-ostakli tekniċi għall-kummerċ. Fl-istess ħin, il-proċedura tagħmilha possibbli biex isiru magħrufa t-tendenzi ġenerali li jokkorru f'Membri oħra tad-WTO jew f'Membru tad-WTO partikulari, hekk li titwassal informazzjoni importanti għall-politika industrijali u kummerċjali tal-UE.

Sabiex jittieħed kull benefiċċju possibbli minnha, naturalment huwa kruċjali li l-UE stess tirrispetta l-prinċipji u tikkonforma mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim dwar l-OTK. **Jekk l-UE ma tosservax ir-regoli, ma tistax tistenna li ħaddieħor jimxi magħhom.** Il-leġiżlazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri għaldaqstant trid timxi mal-prinċipji tal-Ftehim dwar l-OTK u tiġi nnotifikata skont ir-regoli, bl-aktar mod trasparenti possibbli.

It-tressiq tal-leġiżlazzjoni proposta biex tingħarbel mill-Membri l-oħra tad-WTO tista' tkun utli ħafna wkoll. Kummenti minn Membri oħra jistgħu jgħinu biex ikunu identifikati problemi li ma jkunux ġew innutati jew aspetti li ma jkunux tqiesu waqt l-abbozzar tal-leġiżlazzjoni[41].

Il-proċedura tagħti wkoll lir-regolaturi madwar id-dinja l-opportunità li jqabblu l-istrateġiji tal-politika u biex jirriflettu dwar ir-raġunijiet għaliex leġiżlazzjoni ssir mod u mhux ieħor. Il-proċedura ta' notifika dwar l-OTK għalhekk isservi bħala **strument ta' valutazzjoni** komparattiva u tista' tikkontribwixxi għal ċertu grad ta' konverġenza fil-livell internazzjonali, fejn ikun il-każ. Tgħin ukoll lill-UE tagħmel id-deċiżjonijiet regolatorji tagħha magħrufa u tippromwovihom. Dawn id-deċiżjonijiet huma bbażati fuq analiżi soda msejsa fuq l-evidenza, fuq konsultazzjoni estensiva mal-partijiet interessati u fuq stima tal-impatt komprensiva. Barra minn hekk, tagħti lill-UE opportunità biex tispjega r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha lill-pajjiżi oħra.

Fil-preżent, il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi qegħdin iħaddmu l-proċedura b'mod effiċjenti. Madankollu, il-Kummissjoni tara lok għal titjib u beħsiebha għalhekk tagħmel dan li ġej:

Azzjoni 1: Tagħti lill-proċedura aktar pubbliċità biex tipprovoka t-twassil ta' kummenti mingħand l-operaturi ekonomiċi tal-UE, inklużi l-SMEs

Il-Kummissjoni se tkompli tinforma lid-dipartimenti tal-Kummissjoni, l-operaturi ekonomiċi u l-Istati Membri bil-vantaġġi tal-proċedura, inkluża l-possibbiltà li l-kummenti jintbagħtu direttament lill-Kummissjoni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tkompli torganizza seminars u konferenzi mal-Istati Membri u mal-operaturi ekonomiċi, inklużi l-SMEs, u se

---

40 Żjarat minn delegazzjoni Indjana fl-2007, minn uffiċjal minn Punt għall-Informazzjoni dwar l-OTK fiċ-Ċina fl-2009 u minn delegazzjoni Tunežina fl-2011.

41 Minkejja l-analiżi u l-istima tal-impatt, inkluża l-valutazzjoni tal-konsegwenzi fuq il-kummerċ internazzjonali, li l-Kummissjoni twettaq regolarment qabel ma tipproponi leġiżlazzjoni.

tkompli wkoll tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex iqajmu iktar kuxjenza fost l-operaturi ekonomiċi nazzjonali.

Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li ssostni l-attivitajiet ekonomiċi tal-SMEs barra l-UE[42], il-Kummissjoni se tkompli tesplora x'jista' jsir aktar biex tgħin lill-SMEs jieħdu sehem b'mod aktar attiv fil-proċedura ta' notifika. Il-Kummissjoni se tiżgura li l-portal multilingwi onlajn tal-ġejjieni[43], li jipprovdi informazzjoni dwar is-swieq barranin li hija rilevanti għan-negozji kif ukoll dehra ġenerali tal-attivitajiet ta' sostenn disponibbli b'rabta mas-swieq ta' barra l-UE, se jkun jinkludi link għad-database dwar l-OTK[44]. Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb ukoll li ttejjeb il-websajt tagħha dwar l-OTK fl-2012 biex tagħmilha aktar faċili biex tintuża mill-operaturi ekonomiċi, inklużi l-SMEs.

Azzjoni 2: Tappoġġja d-dritt tal-operaturi ekonomiċi biex mill-Punti għall-Informazzjoni dwar l-OTK jiksbu tagħrif dwar rekwiżiti li jkun hemm fis-seħħ għall-aċċess fis-suq.

Il-Ftehim dwar l-OTK jobbliga lill-membri tad-WTO iwaqqfu Punt għall-Informazzjoni dwar l-OTK biex iwieġeb il-mistoqsijiet kollha raġonevoli minn Membri oħra u minn partijiet interessati dwar ir-regolamenti tekniċi adottati jew proposti, dwar il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità u dwar l-istandards[45]. Dan iwessa' t-triq tal-komunikazzjoni diretta għall-operaturi ekonomiċi mal-awtoritajiet tal-Membri l-oħra tad-WTO, li mingħandhom jistgħu jiksbu t-tagħrif dwar l-aċċess għas-suq u dwar ir-rekwiżiti marbuta mar-regolamenti tekniċi, il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u l-istandards. Triq ta' komunikazzjoni diretta bħal din tista' tkun ta' interess fir-rigward ta' kwistjonijiet speċifiċi meta sorsi oħra ta' informazzjoni, bħad-database tal-aċċess għas-suq tal-UE[46] jew il-websajts ta' pajjiżi terzi, ma jkunx fihom biżżejjed informazzjoni. Il-Kummissjoni għalhekk beħsiebha tagħti pubbliċità lill-websajt tal-Punti għall-Informazzjoni dwar l-OTK. Skont ir-riżorsi umani disponibbli, il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll li ssostni lill-operaturi ekonomiċi Ewropej li jkunu jeħtieġu l-informazzjoni, pereżempju jekk il-mistoqsijiet li jibagħtu lill-punti għall-mistoqsijiet ta' Membri oħra tad-WTO jibqgħu ma jitweġbux.

Azzjoni 3: Iktar koordinazzjoni ma' strumenti oħrajn importanti tal-politika tal-UE dwar il-kummerċ u l-industrija.

Il-Kummissjoni se tkompli tħaddem il-proċedura ta' notifika dwar l-OTK bħala parti mill-politika tagħha dwar il-kummerċ u l-industrija u se tipprova toħloq aktar sinerġiji bejn l-aspetti differenti tal-politika. It-Timijiet tal-Aċċess għas-Suq fid-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi terzi jistgħu, pereżempju, jipprovdu appoġġ siewi jekk ikollhom ir-riżorsi biex jimmonitorjaw in-notifiki dwar l-OTK, b'mod li jinħoloq netwerk fejn jinġabru l-kummenti minn negozji tal-UE f'pajjiżi terzi, ikunu stabbiliti rabtiet mad-dipartimenti tal-Kummissjoni ibbażati fi Brussell u biex ikun hemm aġġornament mal-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiżi terzi. Fejn possibbli, il-Kummissjoni se tkompli tuża d-djalogi regolatorji eżistenti jew ġodda u n-negozjati dwar il-ftehim kummerċjali biex tindirizza l-ostakli speċifiċi jew sistemiċi għall-

---

42 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Negozji Żgħar, Dinja Kbira - sħubija ġdida biex tgħin lill-SMEs jaħtfu l-opportunitajiet globali* COM(2011) 702 finali.

43 Ara l-punt 4.2.2 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Negozji Żgħar, Dinja Kbira - sħubija ġdida biex tgħin lill-SMEs jaħtfu l-opportunitajiet globali*.

44 http://ec.europa.eu/enterprise/tbt/.

45 Ara l-Artikolu 10 tal-Ftehim dwar l-OTK.

46 http://madb.europa.eu/.

kummerċ li ġew identifikati permezz ta' proċedura ta' notifika dwar l-OTK. Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi konformità sħiħa mal-obbligu ta' notifika, u b'rakkomandazzjonijiet relevanti tal-Kumitat dwar l-OTK, permezz ta' negozjati dwar il-kapitli dwar l-OTK tal-ftehimiet dwar il-kummerċ ħieles, inklużi dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza.

Azzjoni 4: Tkompli ssostni l-funzjonament ta' proċedura ta' notifika dwar l-OTK fil-livelli multilaterali u bilaterali

Il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa u ttejjeb il-funzjonament tal-proċedura billi tieħu sehem attiv fil-laqgħat tal-Kumitat dwar l-OTK. Beħsiebha tressaq ktiba oħra dwar it-trasparenza fil-proċedura ta' notifika fil-kuntest tas-Sitt Reviżjoni ta' kull Tliet Snin, mistennija f'Novembru 2012. Il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll kif il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jistgħu jkomplu jiġu sostnuti hekk li jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod akatar effettiv fil-proċedura ta' notifika. Dan ikun jista' jinvolvi assistenza aktar b'saħħitha lill-Punti għan-Notifiki u l-Informazzjoni dwar l-OTK, speċjalment lil dawk tal-pajjiżi ġirien tal-UE.

Il-Kummissjoni se tikkunsidra li tinkoraġġixxi lis-Segretarjat tad-WTO biex ikompli jiżviluppa s-Sistema tal-Ġestjoni tal-Informazzjoni dwar l-OTK tad-WTO[47] hekk li tkun għodda effiċjenti għall-Membri kollha tad-WTO, li twassal biex in-notifiki jiġu ppubblikati aktar kmieni u li tippermetti lill-Membri biex jiksbu b'mod eħfef l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar in-notifiki u biex jipparteċipaw aħjar fil-proċedura.

Azzjoni 5: L-ikbar rispett lejn ir-regoli tan-notifika

Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura li l-proposti tal-Kummissjoni, kif ukoll il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni, jikkonformaw mal-Ftehim dwar l-OTK u li jkunu nnotifikati fi stadju ta' abbozzar, b'perjodu għall-kummenti ta' bejn 60 u 90 jum għall-Membri l-oħra tad-WTO. Se tiżgura wkoll li l-kummenti minn Membri oħra tad-WTO jiġu diskussi u jittieħed kont tagħhom qabel tkun iffinalizzata l-leġiżlazzjoni. Huwa importanti li ħin biżżejjed ikun previst fil-proċess tal-adozzjoni sabiex jippermetti l-konformità mal-obbligu ta' notifika.

Azzjoni 6: Sforzi akbar biex tittejjeb it-trasparenza fil-proċedura leġiżlattiva ordinarja

Fir-rigward tal-proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jinkludu regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, il-Kummissjoni bdiet tinforma l-Membri tad-WTO b'bidliet sinifikanti introdotti fil-proċedura leġiżlattiva, u dan meta dawn il-proposti qanqlu l-interess ta' Membri oħra tad-WTO u meta l-proċedura ordinarja ppermettiet dan[48]. Sabiex ikun hemm iktar trasparenza, jista' jerġa' jinfetaħ perjodu għall-kummenti li jippermetti lill-Membri l-oħra tad-WTO jikkummentaw dwar il-bidliet introdotti fil-proċedura ordinarja u biex il-kummenti li jidħlu jintbagħtu lill-koleġiżlaturi. Il-Kummissjoni tinvestiga din il-possibilità każ b' każ.

Azzjoni 7: Aktar koordinazzjoni mal-Istati Membri

---

47 http://tbtims.wto.org/web/pages/search/notification/Search.aspx.

48 F'dawn il-każijiet, il-Punt tal-UE għan-Notifiki u l-Informazzjoni dwar l-OTK informa lill-Membri l-oħra tad-WTO permezz ta' addendum għan-notifiki oriġinali dwar il-pożizzjonijiet meħuda mill-Kunsill jew mill-Parlament Ewropew mingħajr, madankollu, ma nfetaħ perjodu ieħor għall-kummenti dwar il-bidliet introdotti.

Għal politika kummerċjali koerenti u effiċjenti, u biex tieħu li tista' mill-proċedura, l-UE trid taġixxi b'mod koordinat. L-Istati Membri għandhom jikkonformaw bis-sħiħ mal-obbligi tal-Ftehim dwar l-OTK u jridu jappoġġaw il-politika tal-UE dwar it-trasparenza fil-proċedura ta' notifika billi l-azzjoni tagħhom tkun waħda kkoordinata b'mod effettiv. Il-Kummissjoni se tkompli tinforma lill-Istati Membri dwar aspetti importanti tal-proċedura u dwar l-aħħar żviluppi. Tappella lill-Istati Membri biex jiżguraw li jkun hemm koordinazzjoni min-naħa tagħhom ukoll.